

# Fra Diegu

## *100 Sena minn Mewtu*

*minn Patri Pawl Galea OFM*
*Ministru Provinċjal*

*Għandhom Jifirħu li Jistgħu Jgħinu u Jagħmluha ma' Nies ta' Kundizzjoni Baxxa u Mwarrbin*

**Fuq** dawn il-kliem miktuba minn San Franġisk ta' Assisi, fl-ewwel regola li kiteb, jiena nixtieq nibni dan il-messaġġ tiegħi lill-Komunità Nisranija tal-Parroċċa San Gejtanu, tal-Ħamrun, fl-okkażjoni tal-festa titulari 2002. Ġejt mitlub li nikteb dawn l-erba' kelmiet, għax din is-sena qed infakkru għeluq il-100 sena mill-mewt ta' Fra Diegu Bonanno OFM, fundatur ta' l-istitut San Franġisk, illum magħruf bħala Dar Fra Diegu li jinsab fi Triq Villambrosa, u li huwa mmexxi mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Meta wieħed joqgħod jara l-istorja ta' kif Fra Diegu wasal biex jagħżel il-Ħamrun bħala l-post fejn wara tant taħbit u tfixkil, seta' jara l-ħolma tiegħu titwettaq, bilfors ikollok tgħid li l-Ħamrun huwa ddestinat biex ikun mogħni b'diversi djar tal-karità. Barra minn dan irridu niftakru, li fit-Triq Villambrosa jinsabu wkoll il-kunvent u l-knisja San Franġisk fejn numru ta' patrijiet jgħixu l-Kariżma Franġiskana fost il-poplu Ħamruniż. Għalhekk jiena nixtieq, li din l-okkażjoni ta' l-anniversarju mill-mewt ta' Fra Diegu, tkun mument biex il-poplu Ħamruniż jifhem aktar u japprezza aktar il-preżenza tal-Kariżma Franġiskana. L-iskop tiegħi mhux li nirrakkonta l-ħajja ta' Fra Diegu, iżda li minn ħajtu nislet messaġġ awtentika għall-ħajja tan-nisrani tal-lum.



Fi Fra Diegu nistgħu ngħidu li

għandna stampa ċara ta' Franġiskan li għex f'fedeltà s-sejħa Evanġelika. Is-sejħa Franġiskana m'hi xejn tad-dinja l-oħra, għajr li wieħed jgħix il-Vanġelu fuq l-eżempju ta' Kristu nnifsu umli u fqir imsallab mas-salib. San Franġisk jitlob lill-aħwa biex jikkuntentaw ruħhom b'dak li hu neċessarju għall-ħajja, kemm fl-ikel kif ukoll fl-ilbies. Il-Franġiskan f'ħajtu m'għandu jistenna xejn, ħlief il-meħtieġ. B'hekk il-Franġiskan ikun jista' jasal biex jingħata b'ruħu u ġismu biex jaħseb fl-oħrajn, fl-inqas ixxurtjati tas-Soċjetà.

Minn dak li nafu, nistgħu ngħidu li Fra Diegu għex dan l-ideal b'mod l-aktar prattiku. Il-ħajja tiegħu ta' ajk Franġiskan li jmur jittalllab bieb, bieb, fit-toroq tal-Belt Valletta, il-Kottonera u fl-irħula ta' madwar, wasslitu biex iħabbat wiċċu mal-pjaga tal-miżerja soċjali ta' dawk iż-żminijiet. Din l-esperjenza lil Fra Diegu għalmitu li anke l-miżerja u l-inġustizzja tista' twassal lill-bniedem għall-ħajja tad-dnub. Quddiem din ir-realtà, Fra Diegu mhux biss tħassar lil dak li jkun, imma wasal għal deċiżjoni li akkost ta' kollox, jagħmel minn kollox biex jerfa' lil dawn in-nies mill-miżerja.

Mingħajr telf ta' żmien, Fra Diegu beda jaħseb x'jista' jagħmel biex jikkumbatti din il-pjaga tal-miżerja u l-ħajja tad-dnub. Bħal Kristu huwa kien determinat li jfittex lil dawk li waqgħu vittmi tal-miżerja u d-dnub. Beda jirbaħ kull sens ta' mistħija u ma jħosshiex bi kbira li jittallab l-għajnuna għal dawn il-vittmi tal-ħażen. Wieħed jista' jissoponi, bħalma dejjem jiġri, li nies bħal Fra Diegu mhux mal-ewwel se jiġu mifhuma mis-soċjetà ta' żmienhom. Fra Diegu din ir-realtà kellu jgħixha anke fost ħutu l-patrijiet. Imma xejn ma qatagħlu qalbu.

Hekk kif huwa fl-akbar sempliċità u mingħajr daqq ta' trombi, kompla fil-missjoni tiegħu, is-soċjetà ta' żmienu bdiet dejjem aktar tifhmu u anke tgħinu fil-qadi lejn dawk li huma inqas ixxurtjati. Beda jsib kooperazzjoni minn ħutu l-patrijiet, u l-ħidma tiegħu diversi drabi ġiet apprezzata mill-awtoritajiet ta' l-Ordni Franġiskan. Il-Markiż Scicluna offra li jidħol għall-ispejjeż tal-bini ta' l-istitut. Bħala għajnuna providenzjali sab lis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, imwaqqfin minn Madre Margerita De Brincat, li Fra Diegu kien jafha personalment. Il-gazzetti kollha ta' żmienu kienu ta' sikwit jirreferu għall-ħidma filantropika ta' Fra Diegu. L-istess awtoritajiet ċivili kienu juru apprezzament sħiħ lejn il-ħidma ta' Fra Diegu. Nafu biċ-ċert, li anke l-Gvernaturi kienu jieqfu jsellmulu meta kienu jiltaqgħu miegħu jittallab il-karità. Dan kollu jilħaq il-qofol tiegħu fil-funeral li sarlu fit-toroq prinċipali tal-Belt Valletta. Bil-preżenza ta' l-ogħla awtoritajiet ta' l-Istat u tal-Knisja u b'folla l-aktar numeruża ta' Maltin li riedu jagħtuh l-aħħar tislima tagħhom. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu midfunin fil-kappella ta' San Franġisk, fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat. U biex il-ħidma ta' Fra Diegu ma tintesa qatt, il-poplu Malti waqqaflu wkoll monument dinjituż fil-pjazza ċentrali tal-Ħamrun. *ikompli f'paġna 131*

F'għeluq il-mitt sena minn mewtu, aħna wkoll mill-ġdid ridna nfakkru l-ħidma qaddisa li Fra Diegu wettaq b'rizq il-poplu Malti. Kien it-Tlieta, 14 ta' Mejju, 2002, għall-ħabta tas-7.30pm, aħna l-Patrijiet u s-Sorijiet Franġiskani, it-tfal tad-dar Fra Diegu, flimkien mal-Kunsill Lokali u rappreżentanti ta' l-Għaqdiet fil-Ħamrun, inġbarna madwar il-monument ta' Fra Diegu, biex fi spirtu Franġiskan fakkarna lil dan ħuna Fra Diegu għal mod kif il-valuri nsara tal-ħajja sawru minnu ġid kbir għas-soċjetà Maltija.



Jiena nittama li din l-okkażjoni sservi ta' tagħlima għall-poplu Malti, biex jasal japprezza aktar is-sabiħ u l-ġid tal-valuri Nsara fil-ħajja tal-bniedem. Bħalissa aħna ninsabu għaddejjin minn żminijiet fejn qed jintilef is-sens tal-valuri Nsara. L-istess progress materjali f'kull qasam tal-ħajja, qed inessina kull skop spiritwali tal-ħajja. Fra Diegu, għax kien bniedem mibni sew fuq il-valuri Nsara, wassal biex wettaq tant ġid. Jiena ċert li l-preżenza tagħna bħala Franġiskani fil-Ħamrun, tgħin xi ftit jew wisq biex jiġu mwettqa il-Valuri tal-Vanġelu. Aħna bħala Franġiskani lkoll nafu kemm dejjem ġejna apprezzati mill-poplu Ħamruniż. Jekk niftakar sew, nismagħhom jgħidu li meta ġejna biex nifthu kunvent fil-Ħamrun, il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Nerik Cordina Perez, kien sejħilna bhala providenza ta' San Gejtanu. J'Alla l-preżenza ta' Fra Diegu fil-pjazza ċentrali, tkun sejħa kontinwa għall-valuri nsara mgħixa fuq l-eżempji ta' San Gejtanu. Il-festa t-tajba lill-Ħamruniżi kollha. U nixtieqilkom kull paċi u ġid.

## *Il-Festa Tiegħek...*

1. Ersaq lejn il-Qrar u l-Quddies: ressaq oħrajn miegħek.
2. Ħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja.
3. Għin nies fil-bżonn. Ejja agħti d-demm. Agħti offerta b'rizq il-Missjoni tal-Bihar.
4. Għin biex il-marċi jsiru fil-paċi u l-ferħ u l-għaqda bejn kulħadd.
5. Żejjen il-gallarija bi xbiha ta' San Gejtanu f'rabta mal-parroċċa kollha.
6. Agħti l-offerta ġeneruża tiegħek b'rizq l-ispejjeż kbar ħafna tal-festa.